



Brussell, 26 ta' Novembru 2018
(OR. en)

14757/18

TRANS 576
FIN 924

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Delegazzjonijiet
Nru. dok. preċ.: 14233/18 TRANS 539 FIN 890	
Suġġett:	Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-Rapport Speċjali Nru 19/2018 tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri bl-isem "Netwerk ferrovjarju Ewropew ta' veloċità għolja: mhuwiex realtà iżda huwa sistema frammentata u ineffettiva" – Konklużjonijiet tal-Kunsill (26 ta' Novembru 2018)

Id-delegazzjonijiet isibu fl-Anness il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-Rapport Speċjali Nru 19/2018 tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri: "Netwerk ferrovjarju Ewropew ta' veloċità għolja: mhuwiex realtà iżda huwa sistema frammentata u ineffettiva" adottat mill-Kunsill fit-3653 laqgħa tiegħu li saret fis-26 ta' Novembru 2018.

Konklużjonijiet tal-Kunsill
dwar
ir-Rapport Speċjali Nru 19/2018 tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri

IL-KUNSILL

1. JIEĦU NOTA tar-Rapport Speċjali Nru 19/2018 tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri dwar in-netwerk ferrovjarju Ewropew ta' veloċità għolja u tal-approċċ miftuħ tal-Qorti, inkluż fir-rigward tal-ippjanar fit-tul u tal-kosteffiċjenza tan-networks.
2. JISSOTTOLINJA l-importanza tas-servizzi ferrovjarji ta' veloċità għolja għall-mobbiltà taċ-ċittadini, l-attivitajiet ekonomiċi u l-protezzjoni tal-ambjent.
3. IFAKKAR fir-Regolament TEN-T adottat fl-2013, li jipprevedi ppjanar strateġiku u koordinat għan-netwerk ferrovjarju li jkopri t-territorju kollu tal-UE u li jispeċifika dawk il-partijiet tan-netwerk ferrovjarju li għandhom jiġu żviluppati skont l-istandards tal-veloċità għolja. JENFASIZZA r-rwol moqdi mill-Koordinaturi Ewropej biex jiffaċilitaw l-iżvilupp tal-Kurituri tan-Networks Ewlenin u b'mod partikolari għall-implimentazzjoni ta' proġetti transkonfinali. JISĦAQ, madankollu, li t-tlestija tan-netwerk ewleni u komprensiv tiddependi, fost affarijiet oħra, mid-disponibbiltà ta' riżorsi finanzjarji xierqa.
4. JISSOTTOLINJA li l-ippjanar u l-iżvilupp tan-networks ferrovjarji, u speċjalment ta' dawk ta' veloċità għolja, huma proċessi kumplessi, li jiswew il-flus u li jieħdu l-ħin, u għandhom jitwettqu b'approċċ olistiku li jieħu kont tal-prijoritajiet ta' politika rispettivi u r-raġunament ekonomiku. IQIS, madankollu, li l-Rapport Speċjali bħala appell għal attenzjoni mġedda u koordinata ffukata fuq is-servizzi ferrovjarji ta' veloċità għolja.
5. IFAKKAR li l-ħidma fuq ir-raba' pakkett ferrovjarju, li jipprevedi t-tneħħija tal-ostakli għall-interoperabbiltà, iż-żieda fis-sigurtà u l-liberalizzazzjoni tas-swieq tal-ferroviji għall-passiġġieri, kienet konkluża f'Diċembru 2016 u l-implimentazzjoni tiegħu għadha għaddejja. JENFASIZZA li bosta dispożizzjonijiet ta' dan il-pakkett diġà qed isawru s-suq tas-servizzi ferrovjarji ta' veloċità għolja.

6. JIDENTIFIKA t-titjib li sar fl-infrastruttura fis-sezzjonijiet tal-qsim tal-fruntiera, fl-aspetti operazzjonali u fis-servizzi bħala fattur importanti għal network ferrovjarju Ewropew effiċjenti u bla intoppi u JINNOTA l-importanza tal-kooperazzjoni fost l-Istati Membri sabiex jitlestew jew jittejbu dawk is-sezzjonijiet tan-network.
7. JINNOTA l-potenzjal li għandhom is-servizzi ferrovjarji internazzjonali ta' veloċità għolja għal bidla modali fit-trasport ferrovjarju tal-passiġġieri fuq distanzi medji u twal u JQIS li jkun utli li l-Kummissjoni tirrifletti dwar miżuri biex tippromwovi aktar din il-bidla modali fejn tkun ekonomikament u ambjentalment mixtieqa.
8. JAGĦRAF li r-rapport sar fil-ħin għat-tħejjija tal-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa għall-perijodu 2021-2027 u għar-reviżjoni futura tal-linji gwida dwar in-networks ta' trasport trans-Ewropew. JIRRIKONOXXI li l-proġetti u l-esperjenzi ta' qabel jagħtu bażi ta' informazzjoni siewja għal fehim aħjar dwar linji u servizzi ġodda ta' veloċità għolja.
9. IFAKKAR li skont it-Trattati, il-politika dwar it-trasport hija qasam ta' kompetenza kondiviża, u b'mod partikolari kwalunkwe koordinazzjoni u ppjanar dwar in-networks ta' trasport trans-Ewropej għandu jitwettaq fost l-Istati Membri kollha, flimkien mal-Kummissjoni. Kwalunkwe inizzjattiva tal-Kummissjoni biex tiffaċilita din il-koordinazzjoni għandha ssir f'kooperazzjoni mill-qrib mal-Istati Membri.
10. JIRRIKONOXXI li r-rakkomandazzjonijiet tar-Rapport Speċjali jipprovdu opportunità ta' riflessjoni dwar kif jiġi żgurat network ferrovjarju ta' veloċità għolja fl-Ewropa li jkun effikaċi, kosteffiċjenti, kompetittiv, faċli biex jintuża u koerenti.